**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 3 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 412/01 AJD*

Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc

vs

Mariella Attard

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hdax il-lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm111.86) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' 'Premiums' dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenuta kif jidher mill-istatement (Dok. A).
Bl-ispejjes, u bl-imghax mis-7 ta' Lulju, 2000, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Sharon Fenech, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hdax il-lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm111.86), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR